

## DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tas-16 ta' Ottubru 2009

dwar deroga mid-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 2001/822/KE, rigward ir-regoli ta' oriġini tal-gambli u gambli kbar, li huma preparati u priservati, ġejjin mill-Groenlandja

(notifikata bid-dokument numru C(2009) 7813)

(2009/776/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/822/KE tas-27 ta' Novembru 2001 dwar l-assoċjazzjonili għandhom il-pajjiżi u t-territorji lil hinn mix-xtut tal-Komunità Ewropea<sup>(1)</sup>, u notevolment l-Artikolu 37 tal-Anness III tagħha,

Billi:

- (1) Fit-28 ta' Diċembru 2001 il-Kummissjoni addottat id-Deċiżjoni 2001/936/KE li tidderoga mid-definizzjoni tal-kunċett ta' "prodotti li joriġinaw" biex tiegħu f'konsiderazzjoni s-sitwazzjoni tal-Groenlandja fir-rigward tal-gambli u gambli kbar tal-ispeċi *Pandalus borealis*<sup>(2)</sup>. Din id-deroga skadiet fil-31 ta' Diċembru 2006.
- (2) Permezz ta' ittra bid-data tas-26 ta' Ġunju 2009, li waslet fis-6 ta' Lulju 2009, il-Groenlandja talbet għal deroga mir-regoli ta' oriġini stipulati fl-Artikolu 37 tal-Anness III tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/822/KE rigward kwantità annwali ta' 2 500 tunnellata metrika ta' gambli u gambli kbar, li huma preparati u priservati tal-ispeċi *Pandalus borealis*, li jiġu esportati mill-Groenlandja.
- (3) Il-Groenlandja bbażat it-talba tagħha fuq il-fatt li matul ċerti perjodi tas-sena jkun hemm nuqqas fil-provvisti tal-gambli u gambli kbar li joriġinaw minn hemm.
- (4) L-Artikolu 37 tal-Anness III tad-Deċiżjoni 2001/822/KE rigward id-definizzjoni tal-kunċett ta' "prodotti li joriġinaw" u metodi ta' kooperazzjoni amministrattiva jipprevedi li deroga mir-regoli ta' oriġini huma permessi meta dan huwa ġustifikat bl-iżvilupp ta' industriji eżistenti jew bil-ħolqien ta' industriji ġodda f'pajjiż jew territorju.
- (5) Id-deroga mitluba hija ġustifikata skont l-Artikolu 37(1) u (7) tal-Anness III għad-Deċiżjonijiet 2001/822/KE, fir-rigward tal-iżvilupp ta' industrija eżistenti fil-Groenlandja. Peress li d-deroga qed tingħata għal prodotti li jinvolvu attwalment l-ipproċessar u peress li l-valur lokali miżjud tal-krostaċji nejjin użati li ma joriġinawx mill-post huwa mill-anqas 45 % tal-valur tal-prodott lest, din se tkun ta'

kontribut għall-iżvilupp ta' industrija eżistenti. Id-deroga hija essenzjali għas-sopravivenza ta' waħda mill-fabbriki tal-pajjiż. L-użu tad-deroga mogħtija fl-2001 baqa' baxx ħafna (402 tunnellata metrika fl-2002 u zero tunnellati metriċi minn Jannar 2003 sa Diċembru 2006). Id-deroga għaldaqstant għandha tingħata għall-istess kwantità globali annwali bħal dik koperta mid-deroga mogħtija fl-2001, jiġifieri 2 100 tunnellata metrika.

- (6) Suġġett għal konformità ma' ċerti kondizzjonijiet li għandhom x' jaqsmu ma' kwantità, sorveljanza u tul ta' żmien, id-deroga ma għandhiex tikkawża ħsara serja lil settur ekonomiku jew lil industrija stabbilita tal-Komunità jew ta' wieħed jew iktar mill-Istati Membri.
- (7) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2454/93 tat-2 ta' Lulju 1993 li jistipula dispożizzjonijiet għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 li jstabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Komunità<sup>(3)</sup> jistipula r-regoli għat-tmexxija tal-kwoti tariffarji. Dawn ir-regoli għandhom ikunu applikati *mutatis mutandis* għall-amministrazzjoni tal-kwantità li għaliha qed tingħata d-deroga permezz ta' din id-Deċiżjoni.
- (8) Peress li qed tintalab deroga għall-perjodu li jibda' fl-1 ta' Awwissu 2009, id-deroga għandha tingħata b'effett minn dik id-data. Fl-ittra bid-data tas-26 ta' Ġunju 2009 l-awtoritajiet tal-Groenlandja ssuġġerew li l-perjodu mogħti jiskadi meta d-Deċiżjoni 2001/822/KE ma tibqax applikabbli, fil-31 ta' Diċembru 2013.
- (9) Il-miżuri pprovduti f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

## Artikolu 1

B'deroga mill-Anness III tad-Deċiżjoni 2001/822/KE, gambli u gambli kbar, li huma preparati u priservati tal-ispeċi *Pandalus borealis*, imħaddna fil-kodiċi tan-NM ex 1605 20, proċessati fil-Groenlandja minn gambli u gambli kbar li ma joriġinawx mir-reġjun, għandhom jitqiesu li fil-fatt joriġinaw fil-Groenlandja skont din id-Deċiżjoni.

<sup>(1)</sup> ĠU L 314, 30.11.2001, p. 1.<sup>(2)</sup> ĠU L 345, 29.12.2001, p. 91.<sup>(3)</sup> ĠU L 253, 11.10.1993, p. 1.

*Artikolu 2*

Id-deroga prevista fl-Artikolu 1 għandha tapplika għall-kwantitajiet stipulati fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni li huma importati fil-Komunità mill-Groenlandja matul il-perjodu mill-1 ta' Awwissu 2009 sal-31 ta' Diċembru 2013.

*Artikolu 3*

L-Artikoli 308a, 308b u 308c tar-Regolament (KEE) Nru 2454/93 relatati mal-amministrazzjoni tal-kwoti tariffarji japplikaw *mutatis mutandis* għall-amministrazzjoni tal-kwantitajiet indikati fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 4*

L-awtoritajiet tad-dwana tal-Groenlandja għandhom jieħdu l-passi neċessarji biex jagħmlu kontrolli kwantitattivi fuq esporti tal-prodotti msemmija fl-Artikolu 1.

Iċ-ċertifikati kollha ta' ċirkulazzjoni EUR.1 li joħorġu għal daww il-prodotti għandhom jinkludu referenza għal din id-Deċiżjoni.

L-awtoritajiet kompetenti tal-Groenlandja għandhom jibagħtu lill-Kummissjoni dikjarazzjoni kull tliet xhur tal-kwantitajiet li għalihom ikunu nħarġu ċertifikati ta' ċirkulazzjoni tal-EUR.1 skont din id-Deċiżjoni u n-numri tas-serje ta' daww iċ-ċertifikati.

*Artikolu 5*

Kaxxa 7 taċ-ċertifikati taċ-ċirkulazzjoni EUR.1 maħruġa skont din id-Deċiżjoni għandha tikkontjeni waħda mill-indikazzjonijiet li ġejjin:

— “Derogation — Decision 2009/776/EC”;

— “Dérógation — Décision 2009/776/CE”.

*Artikolu 6*

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika mill-1 ta' Awwissu 2009 sal-31 ta' Diċembru 2013.

*Artikolu 7*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, is-16 ta' Ottubru 2009.

*Għall-Kummissjoni*

László KOVÁCS

*Membri tal-Kummissjoni*

## ANNEX

Nru tas-serje	Kodiċi NM	Deskrizzjoni tal-prodotti	Perjodu	Il-kwantità (ftunellati metriċi)
09.0691	ex 1605 20	Gambli u gambli kbar preparati jew priservati tal-ispeċi <i>Pandalus borealis</i>	1.8.2009 sal-31.7.2010	2 100
			1.8.2010 sal-31.7.2011	2 100
			1.8.2011 sal-31.7.2012	2 100
			1.8.2012 sal-31.7.2013	2 100
			1.8.2013 sal-31.12.2013	875